



---

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

**2017/2053(INI)**

24.1.2018

# **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar riforma tas-sistema ta' riżorsi propriji tal-Unjoni Ewropea  
(2017/2053(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nicola Caputo

PA\_NonLeg

PE612.244v02-00

2/6

AD\1143412MT.docx

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħi:

1. Jitlob li ssir riforma profonda tas-sistema ta' riżorsi proprii mingħajr ma jiżdied il-piż fiskali għall-kontribwenti Ewropej, inklużi prioritajiet sodi u riżorsi proprii ġodda li jistgħu jnaqqsu s-sehem tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING, li kienu jammontaw għal 65.4 % tad-dħul tal-Unjoni fl-2016; jirrimarka li għalkemm il-maġġoranza tad-dħul tal-UE għadu jiġi minn kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-ING u tal-VAT, dawn mhumiex meqjusa bħala riżorsi proprii ġenwini; jenfasizza li l-UE għandha bżonn ta' forma stabbli ta' riżorsi proprii, u jinnota li d-dazji punitivi, pereżempju, ma jistgħux għalhekk jiġu kkunsidrati bħala dħul u, għall-istess raġuni, m'humiex adatti bħala sorsi prevedibbli ta' dħul; jitlob ukoll it-tnejħija gradwali tal-forom kolha ta' tnaqqis; jenfasizza li s-sistema attwali tinkludi mekkaniżmi ta' korrezzjoni kumplessi u opaki li ta' kull sena jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' appropjazzjonijiet suffiċjenti ta' pagament;
2. Jindika li r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprii ippreżenta proposti ġodda, inklużi li jiġi riformati r-riżorsa proprija tal-VAT u l-iskema tal-UE ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, li ssir imposta fuq is-CO<sub>2</sub>, tassazzjoni fuq it-trasport, tassazzjoni fuq l-elettriku u dħul li ġej mis-suq uniku diġitali; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' riżorsi proprii ġodda tista' twassal għal koerenza politika akbar bejn il-lat tad-dħul u l-lat tal-infiq tal-baġit; jenfasizza li, minkejja dawn il-proposti, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jridu jibqgħu riżorsa proprija ewlenja f'sistema aktar semplicej, aktar trasparenti u ekwa u demokratikament responsabbi, fejn id-dħul jintefaq b'mod għaqli;
3. Jistieden lill-partijiet kollha jiġbdu l-konklużjonijiet xierqa mir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprii u janalizzaw il-fattibilità tar-rakkmandazzjonijiet biex il-baġit tal-Unjoni jsir aktar trasparenti, stabbli, semplicej, koerenti, ġust u prevedibbli, filwaqt li jiġi rrispettati il-prinċipju tas-sussidjarjetà u b'enfasi aktar qawwija fuq is-solidarjetà u r-ridistribuzzjoni bejn pajjiżi aktar sinjuri u pajjiżi aktar fqr; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li s-sistema attwali tar-riżorsi proprii hija kkaratterizzata minn grad kunsiderevoli ta' kumplessità, li jinvolvi nuqqas ta' trasparenza li jeħtieġ li jiġi solvut permezz ta' sforz konġunt mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri;
4. Jirrimarka li dawn it-tipi ġodda ta' riżorsi proprii huma essenzjali biex jiġi ffinanzjati l-kompli i-l-ġodda tal-Unjoni foqsma bħalma huma l-migrazzjoni, il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u s-sigurtà interna u d-difiża, u sabiex jiġi kkumpensat it-telf ta' dħul mistenni ta' bejn id-EUR 9 biljuni u t-EUR 12-il biljun fis-sena li jiġi jirriżulta mill-Brexit; jinnota wkoll li sabiex jiġi ssalvagħwardjat il-valur miżjud Ewropew tal-baġit tal-UE, huma meħtieġa riżorsi proprii ġodda biex jippermettu lill-UE tiffinanzja sew il-politiki tradizzjonali tagħha u l-prioritajiet ġodda tagħha kif xieraq, filwaqt li jiġi evitat il-potenzjal ta' tnaqqis fl-infiq għall-Politika Agrikola Komuni (PAK), ippreżentat fid-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE;
5. Jenfasizza li d-dazji agrikoli huma kemm strument ta' politika kif ukoll għoddha ta' finanzjament għall-PAK u li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles se jwasslu għal tnaqqis fid-

dħul mid-dazji; jinnota li r-rapport tal-tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprijir ir-rakkomanda li fil-futur dawn jinżammu fi ħdan il-baġit tal-PAK peress li huma riżorsi proprij sempliċi, effiċċenti u ġenwini għall-Unjoni; jinnota li s-sehem tar-riżorsi proprij tradizzjonali naqas b'mod kostanti matul is-snин, peress li t-tnaqqis fit-tariffi medji ma ġiex ikkumpensat biżżejjed minn żidiet fil-volumi tal-kummerċ;

6. Jenfasizza li dħul addizzjonali, inklużi l-multi tal-kompetizzjoni u d-dazji doganali ogħla milli mistenni, ma jwasslux għal possibilitajiet ta' nfiq addizzjonali, iżda għal inqas kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING;
7. Jirrimka li riżorsa proprioja tal-VAT riformata (li tissostitwixxi lil dik eżistenti), riżorsa proprioja abbażi tat-taxxa korporattiva fuq id-dħul, taxxa fuq tranżazzjonijiet finanzjarji jew taxxi oħra fuq attivitajiet finanzjarji jkollhom il-vantaġġ li jtejbu l-funzjonament tas-suq uniku;
8. Jenfasizza l-valur miżjud tal-PAK biex jiġu stimolati l-innovazzjoni, il-kompetittività u s-sostenibilità tas-settur agrikolu u biex jissaħħu fuq perjodu ta' żmien twil is-sigurtà tal-ikel u tal-ambjent tal-Unjoni u l-garanziji tal-istabilità tal-prezzijiet tal-ikel permezz ta' dħul tal-azjendi agrikoli aktar stabbli u miżuri ta' żvilupp rurali sostenibbli li jinvestu f'komunitajiet rurali u l-azjendi agrikoli u b'hekk tiġi pprevenuta d-depopolazzjoni rurali u jiġi sfruttat il-potenzjal taż-żoni rurali; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tal-PAK sabiex jinbnew il-kredibilità u r-raġunament għal appoġġ kontinwu fost il-pubbliku li ma jagħmilx parti mill-qasam tal-biedja permezz ta' beni pubbliċi ambjentali u billi tiġi żgurata distribuzzjoni iktar ekwa tal-pagamenti bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom; fl-aħħar nett, jenfasizza l-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat il-kontribut tad-dazji agrikoli għall-finanzi tal-UE;
9. Jinnota li l-PAK primarjament jipprovdil lil madwar 500 miljun ċittadin Ewropew kuljum b'ikel ta' kwalità għolja u bi prezz raġonevoli; jirrimka, barra minn hekk, li dan jiswa lil kull ċittadin tal-UE medja ta' 32 ċenteżmu kuljum bħala kontribuzzjoni biex jiġi żgurat ikel sikur u tajjeb għas-saħħha u pajsaqgħ agrikolu varjat; jenfasizza li l-PAK, bħala l-unika politika totalment integrata fil-livell tal-UE, tikkontribwixxi l-ogħla valur miżjud Ewropew u li politika agrikola ffinanzjata fil-livell nazzjonali tkun konsiderevolment aktar għalja;
10. Jenfasizza li spinta indiretta lid-dħul hija wkoll possibbli permezz tas-simplifikazzjoni tal-politika agrikola komuni u t-tnaqqis tal-burokrazija tagħha;
11. Jitlob li, l-finanzjament li kien ġie allokat permezz tal-mekkaniżmu tad-dixxiplina finanzjarja fis-settur agrikolu, iżda li ma ntużax, jiġi magħmul disponibbli fl-intier tiegħi bħala pagamenti diretti fis-sena baġitarja li ġejja;
12. Huwa tal-fehma li l-PAK hija effettiva, u li jeħtieġ li terġa' tafferma l-leġġittimità tagħha bħala waħda mill-għodod prinċipali għal azzjoni tal-UE fir-rigward taż-żamma u l-ħolqien tal-impjieg i fiziż-żoni rurali, speċjalment fis-settur tal-biedja.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.1.2018	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	28 7 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Richard Ashworth, José Bové, Daniel Buda, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Jean-Paul Denanot, Albert Deß, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Edouard Ferrand, Luke Ming Flanagan, Martin Häusling, Esther Herranz García, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Laurențiu Rebega, Bronis Ropè, Ricardo Serrão Santos, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Marc Tarabella, Marco Zullo	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franc Bogovič, Stefan Eck, Jens Gieseke, Maria Heubuch, Karin Kadenbach, Momchil Nekov, Sofia Ribeiro, Annie Schreijer-Pierik, Hannu Takkula, Tom Vandenkendelaere, Thomas Waitz	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Stanisław Ożóg	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>28</b>	<b>+</b>
ALDE	Ivan Jakovčić, Ulrike Müller, Hannu Takkula
EFDD	Marco Zullo
ENF	Rebega Laurentiu
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Jens Gieseke, Esther Herranz García, Mairead McGuinness, Marijana Petir, Sofia Ribeiro, Annie Schreijer-Pierik, Czesław Adam Siekierski, Tom Vandenkendelaere
S & D	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Jean-Paul Denanot, Karin Kadenbach, Maria Noichl, Ricardo Serrão Santos, Tibor Szanyi, Marc Tarabella

<b>7</b>	<b>-</b>
ECR	Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk, James Nicholson, Stanisław Ożóg
EFDD	John Stuart Agnew
GUE/NGL	Stefan Eck, Luke Ming Flanagan

<b>5</b>	<b>0</b>
ECR	Richard Ashworth
ENF	Philippe Loiseau
VERTS/ALE	José Bové, Martin Häusling, Bronis Ropé

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni